MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 243/2005

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-20 ta’ Lulju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-kontendenti kkuntrattaw zwieg bejniethom fis-26 ta’ Gunju 1994, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv li kopja tieghu hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. A;

Illi l-kunsens tal-konvenut inghata b’eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ulterjorment il-kunsens tal-konvenut kien ukoll ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghalih illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi ai termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 19 ta' l-Att Dwar iz-Zwieg ta' l-1975 (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tiddikjara z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fis-26 ta' Gunju 1994, bhala null u bla effett fil-Ligi, ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut pprezentata fit-13 ta' Jannar, 2006 li permezz taghha ecepixxa;

Illi huwa m'ghandu ebda oggezzjoni illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi dikjarat null u bla ebda effett ai termini tal-ligi.

Pero' l-esponenti joggezzjona ghar-ragunijiet esposti mill-attrici fid-dikjarazzjoni taghha stante li l-istess ragunijiet huma inveritieri. Fil-fatt:

1. il-partijiet izzewwgu ghax kienu jinhabbu u mhux kif inghad fil-paragrafu 5 tad-dikjarazzjoni ta' l-attrici, iz-zwieg sar "*sabiex il-konvenut ikollu l-jedd illi jghix Malta minghajr xkiel*."

2. mhux minnu kif jinghad fil-paragrafu 6 tad-dikjarazzjoni illi l-attitudni tal-konvenut ma kinitx

"*indikattiva ta' mhabba ta' bejn koppja*" u li huwa "*dejjem kien irraxxibli hafna, u kien jaghmel xenati anke quddiem in-nies. Ma kienx juri r-rispett xieraq lejha u ta' spiss kien jiksirha fil-pubbliku … kien anke vjolenti fizikament … u dan oltre l-vjolenza emozzjonali u verbali kontinwa.*" Bil-maqlub l-esponenti kien jaghmel minn kollox biex izommha kuntenta. Huwa gej minn familja tajba fil-Libja u qabel ma ltaqa' maghha kellu mpjieg tajjeb mal-Libyan Arab Airlines. Huwa ma kellux ghalfejn jitlaq minn pajjizu, izda sabiex ikun jista' joqghod mal-attrici huwa telaq kollox warajh biex gie jissetilja f'Malta.

Huwa jichad kategorikament dak kollu allegat mill-attrici dwaru. Anzi, l-esponenti jiddikjara illi huwa kien ghamel dar lussuza ghal martu sabiex hija tkun tista' tghix fil-kumdita kollha, ahjar milli kienet ma' missierha;

3. Lanqas m'huwa minnu illi l-attrici kienet qabdita dipressjoni minhabba l-agir tal-esponenti. Di fatti hija kienet baqghet tahdem ma' missierha u kienet tghix proprju fuq il-hanut tal-istess negozju gestit minn missierha. B'dan il-mod, ghalkemm mizzewga, kienet baqghet prattikament tghix mal-familja taghha, 24 siegha kull jum. Jekk setghet qabditha dipressjoni, kif minnha allegat, dan kien minhabba l-kwantita kbira ta' xoghol u responsabilita li kellha fuqha. L-attrici kienet taghmel sighat twal tahdem biex izzomm missierha kuntent;

4. Illi ghar-rigward taz-zwieg huwa minnu illi l-partijiet izzewgu bir-rit Katoliku kif ukoll bir-rit Islamiku. L-esponenti jammetti wkoll illi huwa ried illi kwalsiasi wild li seta' kellu minn martu, huwa riedhom li jitilghu fit-twemmin Musulman. Wara kollox l-attrici baqghet

tinsisti wkoll illi kwalsiasi wlied li setghu kellhom riditho m jitilghu fit-twemmin Katoliku. Di fatti din il-pika ta' bejn il-partijiet irrizultat li huma baqghu minghajr wild;

5. Illi lanqas huwa minnu dak li allegat l-attrici fil-paragrafu 9 tad-dikjarazzjoni taghha illi l-esponenti "*gieghla tiffirma dikjarazzjoni fis-sens illi l-ulied li jitwieldu miz-zwieg bejn il-kontendenti kienu ser jitrabbew fir-religjon Islamika.*" Dik il-karta hija ffirmata liberament u wara li giet lilha spjegata mix-Xih li zewwighom fil-Moskea;

6. Illi assolutament m'huwiex minnu dak allegat fil-paragrafu 11 tad-dikjarazzjoni illi l-esponenti "*jemmen bis-shih fil-poligamija*." Tant huwa hekk illi hadd mill-familja tieghu ma huwa mizzewweg aktar minn mara wahda. Di fatti l-genituri tieghu ilhom mizzewwign aktar minn 50 sena. Kien proprju f'dan l-ambjent illi l-esponenti twieled u trabba u ghalhekk ma jistax jifhem minn fejn l-attrici gabet din l-ideja assurda taghha;

7. Illi l-kwistjoni kollha bejn il-partijiet kienet dwar it-trobbija tal-eventwali tfal li seta' gie ritenut fil-paragrafu 4 fuq espost. Mhuwiex, ghalhekk minnu illi l-kunsens tal-esponenti: "*inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*." Lanqas ma huwa minnu illi "*l-kunsens tal-konvenut kien ukoll ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghalih illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*" Dan kollu ser jigi ppruvat waqt it-trazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tas-17 ta' Novembru, 2005 li bih il-kawza regghet thalliet ghas-smigh wara li kienet giet differita minghajr data fit-28 ta' Ottubru, 2005.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavit ta' l-attur.

Rat l-affidavits ta' l-attrici u ta'omissis.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Mejju, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-26 ta' Gunju, 1994 a bazi ta' l-Artikolu 19 (1) (d), u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenuta tikkontesta t-talba kif dedotta izda taqbel li z-zwieg ghandu jkun dikjarat null ghal ragunijiet imputabbli lill-attur. Naturalment pero', kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; ""*F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kapriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-*

*iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikli citati mill-attur jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta’ xi parti li jkun b’difett serju ta’ diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta’ xi parti ikun inkiseb b’eskluzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Mill-provi mressqa mill-attrici jidher li l-partijet izzewgu wara li kienu ilhom jafu lil xulxin sentejn; ma jidhirx li kien hemm xi affarijiet mhux tas-soltu hlief ghall-fatt li l-partijiet ghandhom religjonijiet differenti u mill-bidu kien hemm nuqqas ta’ qbil ghall-mod kif kellhom jittellghu it-tfal – tfal li qatt ma waslu. Il-Qorti hija konvinta illi l-konvenut qatt ma kellu hsieb li jkollu tfal – forsi minhabba f’dan il-fatt u dan jikkostitwixxi wahdu raguni ghaliex zwieg jigi dikjarat null – ara s-sentenza fil-kawza fl-ismijiet Anna Galea vs John Walsh deciza minn din il-Qorti fit-30 ta’ Marzu, 1995. Hemmhekk intqal illi; “*L-eskluzjoni jinghad li trid tkun pozittiva fis-sens li mhux bizzejjed li jkun hemm nuqqqas ta’ xi element essenzjali izda jrid ikun hemm volonta’ pozittiva li teskludi tali element essenzjali.*” Is-sentenza enfasizzat ukoll li tali eskluzjoni tista’ tigi provata mill-attegjament ta’ dik il-parti anke jekk ma jkunx hemm prova cara li dik il-parti esprimiet dan bil-kliem.

Mill-banda l-ohra jidher ukoll li l-attrici kien nieqsa mill-maturita’ meta dahlet fiz-zwieg u kien messha ndunat li z-zwieg ma kienx destinat li jdum wisq. Dan il-fatt ghalhekk se jkun rifless fil-kap ta’ l-ispejjez.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fis-26 ta’ Gunju, 1994. L-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------